MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 6/2008

**Charles Schembri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Gunju, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra l-appell.

Ra r-risposta.

Ikkonsidera:

> Peress illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li ghandu rizorsi kapitali li jeccedi l-limitu, it-talba tieghu ma tistax tintlaqa'.
>
> L-appell qed jigi michud.”

Huma erbgha l-ilmenti li r-rikorrenti jgib ‘il quddiem fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza u cjoe:-

(i) L-assenza ta' motivazzjoni;

(ii) Il-vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem* ghall-motiv illi ma gietx mghoddija lilu kopja tad-dokumentazzjoni pprezentata mill-kontro-parti illustrattiva ta' l-assunt dedott illi l-kapital tieghu kien jeccedi l-limitu massimali stabbilit mil-ligi;

(iii) Fattwalment, in bazi ghad-dokumenti esebiti minnu dak l-istess limitu ma kienx superat u hu kien allura intitolat ghall-beneficcju ghal Ghajnuna tal-Mard taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

(iv) F'kull kaz, l-ammont li ghandu jinqata' mill-hlas tal-beneficcju percepit minnu kellu jkun f'rata anqas minn dik deciza mid-Direttur biex jovvja ghal *hardship* li dan il-fatt ser jikkawzalu;

Huwa importanti ghall-ahjar ezami ta' l-ilmenti appena riprodotti illi jigu rijassunti fil-qosor il-fatti tal-kaz kif johorgu mill-atti tal-kaz quddiem l-Arbitru:-

(1) B'ittra tas-26 ta' Marzu, 2007 id-Direttur appellat baghat javza lill-appellanti illi ma kienx ghadu jissodisfa l-kriterji mehtiega mil-ligi ghall-ghoti tal-Ghajnuna Medika (SRA) ghar-raguni li r-rizorsi kapitali tieghu kienu jaccedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi skond it-Tieni Skeda ta' l-Att imsemmi;

(2) Fl-24 ta' April, 2007 l-appellanti u martu kitbu lill-appellat b'risposta ghall-ittra tieghu tat-23 ta' Marzu,

2007 billi, filwaqt li rrikonoxxew li l-limitu massimali seta' nqabez ghal xi zmien, talbu li jirrikonsidra d-decizjoni tieghu. Jidher li din ir-risposta serviet bhala l-bazi tal-gravam ta' l-appellanti quddiem l-Arbitru;

(3) Sew l-appellanti kif ukoll id-Direttur appellat ipprezentaw l-istess xorta ta' dokumenti li kienu juru l-qaghda kapitali ta' l-appellanti. Dawn id-dokumenti jikkonsistu principalment minn *statements* bankarji u investimenti f'ishma mal-Middlesea Insurance plc u Malta Government Treasury Bills;

Premessi dawn il-fatti, bl-ewwel aggravju tieghu l-appellanti jinvoka n-nullita tad-decizjoni ta' l-Arbitru ghax skond kif kontez minnu, din hi nieqsa mir-ragunijiet li fuqhom giet ibbazata l-istess decizjoni;

In linea ta' principju generali, din il-Qorti, kif presjeduta, irribadiet f'bosta sentenzi taghha illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni ghaliex hu permezz taghha li l-gudikant jattesta illi effettivament jissussistu elementi probatorji idoneji biex jiggustifika l-konvinciment tieghu. Anke jekk il-motivazzjoni ma ghandhiex ghalfejn tkun elaborata hu dejjem, pero`, mistenni li, almenu, fil-minimu, tinghata r-raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat" ("**Kruger Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 13 ta' Lulju, 2001);

Fil-kaz prezenti l-appellanti jikkontendi illi s-sentenza ta' l-Arbitru ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 ghaliex din hi sprovvista minn motivazzjoni jew spjegazzjoni valida li tissustanza u tiggustifika d-decizjoni u, anzi, din, skond hu, "hi mizghuda b'inkonsistenzi, nuqqasijiet u lakuni kbar illi bl-ebda mod ma jistghu jigu injorati jew sorvolati";

Innegabilment, ir-ragonament ta' l-Arbitru ma jistax ma jitqiesx hlief wiehed lapidarju, skjett u generiku ghall-ahhar. Mill-banda l-ohra, anke jekk forsi b'certa riluttanza, din il-Qorti ma ssibx li din il-motivazzjoni tiddifetta, trattasi ta' kwestjoni li s-soluzzjoni taghha kienet ghal kollox tiddependi mill-valutazzjoni tad-dokumenti esebiti u dik ta' l-accertament jekk fiz-zmien li fih id-Direttur appellat issospenda l-ghoti tal-beneficcju, l-assi kapitali ta' l-appellant kienux jeccedu, o meno, il-massimu stabbilit mil-ligi ghall-intitolar ta' dak il-beneficcju. Accertament dan semplici li ma kienx jirrikjedi xi motivazzjoni approfondita anke fid-dawl ta' l-accettazzjoni mill-appellanti nnifsu illi, tabilhaqq, dak il-kapital tieghu kien, ghal xi zmien, issupera dak il-massimu;

Hemm, imbaghad, aspett iehor li jaqbel li jigi mistharreg. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-kaducita` ta' sentenza hi haga serja hafna u allura, mhux bizzejjed li appellanti li jkun behsiebu jilmenta minn difett ta' motivazzjoni jillimita c-censura tieghu b'mod generiku minhabba allegata inadempjenza formali tas-sentenza mal-vot tal-ligi. Huwa jehtieglu invece juri fil-konkret illi ssubixxa lezjoni. Dan billi jiddemostra fl-ispecifiku illi kontrarjament ghal dak irragunat mill-gudikant jew mill-arbitru, fil-kwadru valutativ ta' l-elementi probatorji, ma kienx hemm raguni li tiggustifika l-konvinciment espress. Minn dan kollu fir-rikors ta' l-appell ma nsibu xejn, ghajr asserzjonijiet generici ta' "inkonsistenzi, nuqqasijiet u lakuni". Xejn specifiku u xejn konkret. Dan ghal din il-Qorti ma tarax li jkun f'loku illi taccetta l-proposizzjoni tan-nullita` tas-sentenza. L-ewwel aggravju li hu l-aktar wiehed ta' sustanza qieghed ghalhekk jigi respint;

Ghall-istess konkluzjoni qed tasal din il-Qorti fir-rigward ta' l-aggravji l-ohra kollha. Brevement dwarhom taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) *Ex-facie* l-inkartament tal-kawza d-dokumenti pprezentati mill-partijiet huma kwazi ghal kollox identici u

mhux il-kaz allura li l-appellanti jillanja li gie vjolat lilu l-principju tal-gustizzja naturali ta' smigh xieraq ghax ma nghatax kopji tad-dokumenti prodotti mill-kontro-parti. Dan apparti wkoll imbaghad illi mill-atti tal-kaz quddiem l-Arbitru lanqas ma jirrizulta li hu ghadda lill-appellat kopji ta' dawk esebiti minnu, u apparti wkoll l-ezistenza ta' dak ir-rikonoxximent da parti tieghu illi, tabilhaqq, il-kapitali li kellu kienu jeccedu l-limitu konsentit biex seta' jissokta juzufruwixxi mill-ghajnuna socjali pprovduta;

(2) Fattwalment, anke mid-dokumenti mill-appellanti nnifsu esebiti, huwa car li l-massimu legali kien tassew issuperat mill-kumpless kapitali li kellu fil-waqt tas-sospensjoni;

(3) Frankament, l-ahhar aggravju ma jinftiehemx. L-aggravji quddiem l-Arbitru ma kienx jikkoncerna kwestjoni ta' xi "*overpayment*" jew ta' xi deduzzjoni rateali u *hardship* relattiv. Il-punt kollu kien jekk id-Direttur appellat kellux gusitifikazzjoni li jwaqqaf l-ghajnuna li taghha l-appellanti f'dak il-mument kien beneficcjarju. Xejn izjed u xejn anqas minn hekk.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------